ja. Taf x'ma kienux imorru l-knisja, bla glekk. Fix-xitwa.
R. M'ghadekx tisma jqarqac ma' l-art il-qorq illum, l-iktar meta tkun diehel il-knisja; illum kollox lest.
M. Iwa, iwa, illum il-bidwi u l-bidwija m'ghadhomx joqghodu biss fir-rahal. Il-Belt m'ghadhomx imorru bil-qorq li kellna ahna..Iwa...Iwa...
R. U ghex ghal-zmien twil mehdi ma' l-art, jahdem, u jistinka; bakkar u sahar, hawwel u bexxex, naqqax u hawtel. U l-kabocci u l-pastard, iz-zara' u l-harrub taw il-frott...hdax il-tifel u wiehed, ibieghu is-sahha. Kien jisthi mis-Sinjur; Sinjur jghidlu meta jmur ihallas il-qbiela. Ghax kbira l-art, u l-bidwi jahdimha. Izda l-art mhix tieghu; l-art tas-Sinjur. Zghir kien ihossu ghal-xogholu, xoghol umli, izda hemm marbut minn jghieb il-jum sa ruh il-jum; qatt ma kien jahseb li xi darba jirbah lis-Sinjur.

U f'lejl bla qamar qamu l-ulied kontra s-sinjur, qerduh, u hawlu sigar kbar kbar li jaghtu l-frott tax-xoghol. Izda mhux ghas-sinjur, izda ghal min jahdem, ghax m'ghadhiex l-art tas-sinjur; l-art hi ta' min jahdimha. Telghet l-ghada filghodu xemx, u n-nies ta' l-art ghajtet: Ohrog int xemx sabiha; regga' l-ghana, regga' l-fwieha. Faru s-sigar, ittaqqlu l-eghnieqed kotrana. Haddru l-hxejjex sa truf l-art. Hadem u strieh ghalih u ghall-batut.

---

SHUBIJA FIL-GHAQDA TAL-FOLKLOR U L-IMNARA

Il-membri tal-Ghaqda tal-Folklor jircievu b'xejn L-Imnara li tohrog darba fis-sena. Il-hlas ghas-shubija fil-Ghaqda huwa Lira Maltija fis-sena. Dan il-hlas jista' jintbghat lis-segretarju tal-Ghaqda, is-Sur Alfred Fenech, "Grezz", Triq id-Dirsa, H'Attard, Malta, jw lill-Editur, is-Sur G.Lanfranco, 78, Saint Trophimus Street, Sliema, Malta. Il-hlas jista jsir ukoll permezz ta' bolli Maltin tal- 4c. Biex nibghatu L-Imnara ghall-barra tigina kwazi Lira Maltija, ghalhekk min jghix barra, jekk joghgbu, jaghmel allowance ghal din iz-zieda fl-ispejjez.

---